MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 585/17LM

**APS Bank Limited (C2192)**

***vs.***

**Dr Fransina Abela u P.L. Nicholette Aquilina bħala kuraturi deputati maħtura b'Digriet mogħti nhar l-14 ta' Marzu, 2017 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Scott James Johnson (K.I. 76734A) u Rebeckah Johnson (K.I. 77845A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-**APS Bank Limited** fl-20 ta' Ġunju, 2017 (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") u maħluf minn Marvic Gauci, in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-intimati Scott James Johnson u Rebeckah Johnson huma debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u erbgħin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€126,743.56) rappreżentanti bilanċ komplessiv*

*ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lill-istess intimati mill-Bank rikorrent in kwantu għas-somma ta' ħamest elef u tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u erba' ċenteżmu (€5,329.04) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Car Loan Account' bin-numru 2000150104-0 [Statement of Account hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS1[1]]; is-somma ta' tliet mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€323.97) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Interest Disposal Account' bin-numru 2000179240-6 [Statement of Account hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS2[2]]; is-somma ta' mija u erbatax-il elf, disa' mija u sitta u ħamsin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€114,956.33) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Home Loan Account' bin-numru 2000150101-7 [Statement of Account hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS3[3]]; is-somma ta' sitt elef, mija u erbgħa u tletin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€6,134.22) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Interest Disposal Account' bin-numru 2000179243-9 [Statement of Account hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS4[4]] u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-'Car Loan Account' bin-numru 2000150104-0 u tal-'Home Loan Account' bin-numru 2000150101-7 mill-ewwel (1) ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

2. *Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimati lis-soċjetà rikorrenti u fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess soċjetà rikorrenti, l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont komplessiv;*

3. *Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi permezz tal-ittra uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS5[5], huma baqgħu inadempjenti;*

4. *Illi s-soċjetà rikorrenti intavolat Mandat ta' Inibizzjoni u Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tal-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat;*

5. *Illi r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

[1] *A fol.* 5.
[2] *A fol.* 6.
[3] *A fol.* 7 u 8.
[4] *A fol.* 9.
[5] *A fol.* 10 u 11, datata 21 ta' Frar, 2017.

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*(1) Tiddikjara li l-intimati Scott James Johnson u Rebeckah Johnson huma debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u erbgħin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€126,743.56) in kwantu għas-somma ta' ħamest elef u tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u erba' ċenteżmu (€5,329.04) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Car Loan Account' bin-numru 2000150104-0; is-somma ta' tliet mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€323.97) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Interest Disposal Account' bin-numru 2000179240-6; is-somma ta' mija u erbatax-il elf, disa' mija u sitta u ħamsin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€114,956.33) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Home Loan Account' bin-numru 2000150101-7; is-somma ta' sitt elef, mija u erbgħa u tletin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€6,134.22) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-'Interest Disposal Account' bin-numru 2000179243-9 u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-'Car Loan Account' bin-numru 2000150104-0 u tal-'Home Loan Account' bin-numru 2000150101-7 mill-ewwel (1) ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(2) Tikkundanna u tordna lill-intimati Scott James Johnson u Rebeckah Johnson iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u erbgħin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€126,743.56), bl-imgħax.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 657/17 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u tal-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*[6]

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Lulju 2017, fejn wara li rat l-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta tat-3 ta' Awwissu, 2017.

[6] Ġew esebiti wkoll *a fol.* 12, kopja tad-digriet tal-14 ta' Marzu, 2017 li permezz tiegħu ġew maħtura l-kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuti, *a fol.* 13 sa 23, kopja tas-*sanction letter* datata 8 ta' Mejju, 2014 u *a fol.* 24 sa 37, kopja tal-kuntratt ta' self datat 6 ta' Ġunju, 2014 fl-atti tan-nutar Dr Anthony Abela.

Rat li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bir-Rikors Ġuramentat fid-29 ta' Awwissu, 2017.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017 fejn il-kuraturi deputati **Dr Fransina Abela** u **P.L. Nicholette Aquilina** bħala kuraturi deputati maħtura b'digriet mogħti nhar l-14 ta' Marzu, 2017 sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuti assenti **Scott James Johnson** (K.I. 76734A) u **Rebeckah Johnson** (K.I. 77845A), għad illi kienu debitament notifikati, imsejħin tliet darbiet ma dehrux.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda ta' **Rebecca Zammit**, in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li kkonfermat li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ dovut baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas akkont mill-konvenuti.

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2017 fejn qieset li l-konvenuti ma kellhom ebda eċċezzjonijiet xi jressqu u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Billi l-konvenuti baqgħu ma ġabux raguni biex jopponu għat-talbiet attriċi u tenut kont ukoll li s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi ġiet debitament irrikonfermata mis-soċjetà attriċi, bil-ġurament ta' Rebecca Zammit in rappreżentanza tal-istess, tant li mill-preżentata tar-Rikors Maħluf il-konvenuti baqgħu ma effetwaw l-ebda pagament akkont lis-soċjetà attriċi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddikjara li l-konvenuti Scott James Johnson u Rebeckah Johnson huma debituri tas-soċjetà attriċi fis-somma komplessiva ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u erbgħin Euro u sitta u ħamsin**

ċenteżmu (€126,743.56) in kwantu għas-somma ta' ħamest elef u tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u erba' ċenteżmu (€5,329.04) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Car Loan Account'* bin-numru 2000150104-0; is-somma ta' tliet mija u tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€323.97) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000179240-6; is-somma ta' mija u erbatax-il elf, disa' mija u sitta u ħamsin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€114,956.33) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Home Loan Account'* bin-numru 2000150101-7; is-somma ta' sitt elef, mija u erbgħa u tletin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€6,134.22) rappreżentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000179243-9 u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-*'Car Loan Account'* bin-numru 2000150104-0 u tal-*'Home Loan Account'* bin-numru 2000150101-7 mill-ewwel (1) ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti Scott James Johnson u Rebeckah Johnson iħallsu lis-soċjetà attriċi APS Bank Limited is-somma komplessiva ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u erbgħin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€126,743.56).

Bl-imgħax u bl-spejjeż kontra l-konvenuti, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 657/17 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u tal-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentati kontestwalment mar-rikors maħluf.

Moqrija.